MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 228/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**General Road Services Limited (C17388)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm488.39c (erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti hsarat fuq infrastruttura tas-socjeta' attrici fi Triq Mahatma Ghandi, Fgura.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta illi giet ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------